Minuti tad-29 laqgha tas-sitt Kunsill Lokali Gharb li saret nhar il-Erbgha 3 ta' Awissu, 2011. Il-laqgha nbdiet hin 16.00pm.

| Prezenti: | Membri: |
|---|---|
| Sindku | David Apap |
| Vici-Sindku | Raymond Cassar |
| Kunsillier | Lisa Marie Brooke |
| | Emanuel Muscat |
| | CarmenVella |

| Ufficjali: | |
|---|---|
| Segretarju Ezekuttiv | Joanne Attard |

1. **Approvazzjoni tal-Minuti tas-27 u 28 laqgha.**

1.1 Il-Minuti tas-27 u 28 laqgha gew approvati unanimament u iffirmati mis-Sindku u Segretarju Ezekuttiv bhala dokument korrett.

2. **Skeda ta' pagamenti.**

2.1 L-iskeda ta' pagamenti annessa giet approvata unanimament u iffirmata mill-membri kollha prezenti.

3. **Progett fondi EU Italia- Malta OBIMED – kwotazzjonijiet servizz ta' awditur.**

3.1 Il-Kunsill tratta iz-zewg kwotazzjonijiet sottomessi minghand Christopher Spiteri u 3° Accountants. Il-Kunsill qabel ma l-irhas kwotazzjoni ta' Christopher Spiteri ghall-prezz ta' €4499.34. Peress illi din il-kwotazzjoni inharget b'mod kongunt ma Malta Tourism Society, il-Kunsill qabel li ghandu jinforma lill-MTS. Jekk ikun hemm qbil min naha tal-MTS ghandu jitmexxa l-process biex jigi iffirmat il-kuntratt mal-kuntrattur.

3.2 Servizz ta' wi-fi fl-Gharb. Is-Sindku spjega illi inhareg avviz ghall-kumpaniji interessati illi joffru l-infrastruttura ta' dan is-servizz u li dan sar b'mod volontarju peress li l-ligi tippermetti li tintghazel kumpanija b'mod dirett peress li jitratta dwar telekomunikazzjoni. Is-Sindku spjega illi hemm il-possibilita' li l-iskema tinhadem b'xejn ma Vodafone permezz tal-Wi-fi points ga ezistenti fil-lokalita'. Gie spjegat illi din il-parti tal-progett trid titlesta sas-sajf 2012. Il-Kunsill qabel li jigi kkuntattjat Vodafone.

3.3 Gie spjegat illi l-Kunsill qieghed fil-process tal-hrug ta' zewg offerti wahda li tikkoncerna IT u l-ohra dwar studji li jridu jsiru. Gie spjegat illi d-draft tal-offerta intbaghat lill lead partner Comune di Sciacca ghall-vetting min naha taghhom. Gie spjegat illi dawn l-offerti ser jinhargu bi shab ma Malta Tourism Society.

Gie spjegat illi l-partner il-Malti l-iehor Maltese Italian Chamber of Commerce ser johrog l-offerti wahdu.

3.4 Gie spjegat illi l-bilateral meeting li jmiss tal-progett OBIMED huwa skedat ghax xahar ta' Settembru u ser isir gewwa Malta. Il-Kunsill ikun inkarigat mil-logistika ta' din il-laqgha flimkien mal-partners l-ohra Maltin.

4. **Progett Fondi EU taht Mizura 323 Gharb's cultural and touristic conservation project – kwotazzjonijiet u offerti xogholijiet.**

4.1 Gie spjegat illi l-offerti ghalqu fis-17 ta' Gunju fejn gie mwaqqaf il-kumitat ta' evalwazzjoni kompost minn Nutar Josette Spiteri Cauchi, Paul Curmi u Paul Zahra. Gie spjegat illi r-restawratur Rudolph Cauchi kien maghzul biex joqghod fuq il-bord pero dan irtira ghaliex hass li mhux kompetenti. Amanda Vella ukoll kienet ikkuntattjata pero ma accettatx peress li l-linja ta' studju taghha hija fuq arti u mhux fuq restawr.

4.2 Il-Kunsill trattat l-offerti sottomessi:
M323/02 – Restawr kappella San Dimitri
Kien hemm zewg offerti minghand Baron Contracts Ltd (€112,579.56) u Joe Grima (€100598.96). Gie spjegat illi iz-zewg offerti eccedew il-budget b'mod sostanzjali. Gie spjegat ukoll illi wara li gie konsultat id-Diparitment tal-kuntratti il-bord ta' evalwazzjoni qabel li jipprova jasal ghall-ammont mixtieq mal-irhas kuntrattur li f'dan il-kaz huwa Joe Grima. Gie spjegat illi Joe Grima hallas €50 biex issottometta il-kjarifici mitluba, izda fir-rigward ta' prezz xorta wahda baqa 'il fuq mill-fondi disponibbli. Gie spjegat illi f'din is-sitwazzjoni il-bord ta' evalwazzjoni qed jipproponi li jigi konsultat il-konsulent tekniku biex jara jekk ix-xogholijiet jistghux jigu ridotti fil-limit tal-fondi disponibbli. Is-Sindku spjega illi alternattiva ohra hija illi terga' tinhareg l-offerta. Wara diskussjoni fit-tul, il-Kunsill ghadda ghall-vot fejn gie deciz illi l-konsulent tekniku Edward Scerri ghandu jintalab jaghmel analizi bejn l-istima u l-offerti mitfugha. Lisa Marie Brooke u Emanuel Muscat astjenew.

M323/03 – Restawr Knisja Taz-Zejt
Kienu sottomessi zewg offerti minghand Joe Grima (€233,295.89) u Baron Contracts Ltd (€229,031.21). Il-Kunsill laqa' ir-rakkomandazzjoni tal-bord ta' evalwazzjoni li l-offerta ghandha tinghata lil Baron Contracts Ltd. li kien l-irhas tenderer, bil-kundizzjoni li tigi provduta il-facilita' bankarja ta' €100,000. Ghandha ssir laqgha mal-Perit inkarigat biex jigu stabbiliti x-xogholijiet qabel ma jkun iffirmat il-kuntratt. La darba il-kuntrattur jaqbel li jiffirma il-kuntratt bla ebda tibdil il-Kunsill ghandu jiffirma il-kuntratt u jibda ix-xoghol. Il-Kunsill qabel uninanament.

4.3 M323/04 – Restawr Pont fi Triq Sdieri. Hawnhekk kienu sottomessi 3 offerti minghand Domnic & Patrick Refalo (€76,083.52), Baron Contracts Ltd (€140,243.00) u Joe Grima (€141,086.61). Il-Kunsill innota l-kjarifiki li l-bord ta' evalwazzjoni talab lill-irhas kuntrattur Domnic & Patrick Refalo peress li l-prezz taghhom kien irhas b'mod sostanzjali minn taz-zewg offerenti l-ohra. Il-kuntrattur ta' r-raguni li minflok jikru scaffolding huma ser juzaw il-crane li huwa propjeta' taghhom. Il-Kunsill laqa' ir-rakkomandazzjoni tal-bord ta' evalwazzjoni li l-offerta ghandha tinghata lil Domnic & Patrick Refalo. Ghandha ssir laqgha mal-Perit inkarigat biex jigu stabbiliti x-xogholijiet qabel ma jkun iffirmat il-kuntratt. La darba il-kuntrattur jaqbel li jifirma il-kuntratt bla ebda tibdil il-Kunsill ghandu jiffirma il-kuntrat u jibda ix-xoghol. Il-Kunsill qabel uninanament.

4.5 M323-05 – restawr hitan tas-sejjieh. Gew sottomessi 3 offerti minghand Nicky Saliba (€93077.33), Gatt Tarmac Ltd (€84976.69) u Baron Contracts Ltd. (€150,956.22) Gie innutat illi l-irhas offerta ta' Gatt ghandha rati ferm vantazzjuzi. Il-Kunsill laqa' ir-rakkomandazzjoni tal-bord ta' evalwazzjoni li l-offerta ghandha tinghata lil Gatt Tarmac Ltd. Ghandha ssir laqgha mal-Perit inkarigat biex jigu stabbiliti x-xogholijiet qabel ma jkun iffirmat il-kuntratt. La darba il-kuntrattur jaqbel li jiffirma il-kuntratt bla ebda tibdil il-Kunsill ghandu jiffirma il-kuntratt u jibda ix-xoghol. Il-Kunsill qabel uninanament.

4.6 M323/06 – Studju dwar is-salib tal-pjazza. Giet sottomessa kwotazzjoni wahda minghand Perit Edward Scerri (€5050.40). Gie spjegat illi qed jittiehed il-parir tal-awtorita' ta' gestjoni jekk hemmx kunflitt ta' interess peress li l-istess offerent diga' rebah il-kuntratt tat-technical consortium ta' l-istess progett.

4.7 M323/07 – Restawr salib tal-pjazza. Giet sottomessa kwotazzjoni wahda minghand Baron Contracts Ltd (€4690.50). Il-Kunsill laqa' ir-rakkomandazzjoni tal-bord ta' evalwazzjoni li l-offerta ghandha tinghata lil Baron Contracts Ltd. Ghandha ssir laqgha mal-Perit inkarigat biex jigu stabbiliti x-xogholijiet qabel ma jkun iffirmat il-kuntratt. La darba il-kuntrattur jaqbel li jifirma il-kuntratt bla ebda tibdil il-Kunsill ghandu jiffirma il-kuntratt u jibda x-xoghol. Il-Kunsill qabel uninanament.

4.8Is-Segretarju Ezekuttiv spjegat illi l-ammonti msemmija fuq huma kif miktuba fl-offerti qabel ma gew ivverifikati ghal *arithmetic errors*.

4.8 Is-Sindku gharraf lill-Kunsill illi l-offerti kollha kienu jinkludu billboard. Is-Sindku ippropona illi ghandha ssir billboard ohra fil-pjazza. Il-Kunsill qabel unanimament. Peress li l-MRRA ukoll ipproponiet li ssir billboard bhala parti minn kampanja pubblicitarja nazzjonali, il-Kunsill qabel li jara liema l-aktar finanzjarjament vijabbli hux li jaghmel billboard hu jew jaccetta l-proposta ta' MRRA.

5. **Offerta xoghol ta' titjib u tlestija fic-Centru Civiku Gharb.**

5.1 Il-Kunsill ra iz-zewg offerti sottomessi minghand Mario Formosa u Jason Gauci ghal Euro107,627 u Euro 316,976 rispettivament. Is-Segretarju Ezekuttiv spjegat illi l-ammonti msemmija huma kif miktuba fl-offerta qabel ma gew ivverifikati ghal *arithmetic errors*. Il-Kunsill qabel ma l-offerta ta' Mario Formosa peress li l-offerta ta' Jason Gauci teccedi il-budget b'mod eccessiv. Madankollu l-offerta ghandha tinzamm pendenti peress li l-Kunsill ghadu qed jistenna l-approvazzjoni biex jiehu self ta' Euro105,000 mill-Ministeru tal-Finanzi. Hekk kif tasal din l-approvazzjoni il-Kunsill qabel li ghandha tinghata l-ittra ta' accettazzjoni lil Mario Formosa.

5.2 Is-Sindku spjega illi z-zmien ghaddej u l-hsieb tal-Kunsill illi jisposta ruhu temporanjament fl-iskola matul il-vaganzi tas-sajf qed iktar ma jghaddi z-zmien isir inqas possibbli. Gie spjegat ukoll illi ghalkemm saret talba lill-*Education Department* biex il-Kunsill imur temporanjament fl-iskola izda l-permess ghadu ma nghatax. Gie spjegat ukoll illi l-ghazla li l-Kunsill imur fis-sala tal-iskola mhix possibbli peress li fis-sala qed isir xoghol ta' restawr tal-palk. Is-Sindku spjega illi huwa ikkuntattja lil Noel Micallef bhalma kien diskuss f'laqgha precedenti biex dan jikri propjeta' lill-Kunsill izda dan mhuwiex interessat. Spjega wkoll illi kellem lil Bernard Portelli dwar kiri ta' xowroom u garage fi Triq il-Vizitazzjoni k/m Triq G.Camilleri ghal xahrejn. Is-Sindku spjega illi din hija proposta ghall-approvazzjoni tas-sid, tal-Kunsill innifsu u stieden lill-membri jekk ghandhom xi proposta ohra. Il-Kunsill qabel unanimament illi jekk is-sid jaccetta u n-nefqa ma tkunx ser teccedi Euro1165 l-ufficju tal-Kunsill ghandu jmur f'dan is-sit temporanjament sakemm isiru x-xogholijiet. Il-Kunsill qabel illi l-konsum tad-dawl u l-ilma jkunu ghall-inkarigu tal-Kunsill.

5.3 Il-Kunsill iddiskuta dwar ix-xoghol tac-centru civiku li ser ikun jinkludi l-irrangar tal-parapett li jinsab f'stat hazin hafna u rampa li taghti accessibilita' lil persuni bi bzonnijiet specjali. Is-Sindku spjega illi jinsab f'diskussjonijiet mal-Ministeru ghal Ghawdex dwar ghajnuna f'dan l-aspett.

**6. Kwotazzjoni kiri ta' propjeta' biex isservi ta' store ghall-Kunsill.**

**6.1** Il-Kunsill ra iz-zewg kwotazzjonijiet sottomessi minghand Louis Portelli u Brian/Fabian Attard. Il-Kunsill qabel mal-kwotazzjoni ta' Louis Portelli li hija l-irhas wahda ghall-prezz ta' €140.00 fix-xahar ghal garaxx li jinsab f'St Michael's Court, Triq Felic Grech, Gharb. Il-Kunsill qabel illi f'dan il-kaz ukoll il-kwotazzjoni ghandha tinzamm pendenti sakemm jinhareg l-approvazzjoni tas-self.

7. **Offerti servizz ta' manigjar tac-centru ta' matul il-jum ghat-tfal u servizzi ta' child minders.**

7.1 Il-Kunsill tratta l-applikazzjoni li dahlet minghand Diane Refalo ghall-immanigjar tac-centru. Is-Sindku spjega illi l-applikazzjoni giet mghoddija lid-Dipartiment tas-Social Welfare Standards u qed nistennew il-parir bil-miktub taghhom dwar jekk l-applikanta tilhaqx l-*istandards*.

7.2 Lisa Marie Brooke qalet illi fil-kuntratt li jkun iffirmat ma min ser jigi fdat l-immanigjar tac-centru l-Kunsill u l-Kunsilliera m'ghandhomx jinzammu responsabbli ta' dak li jigri gewwa c-*child care centre*. Is-Sindku spjega illi c-*child care centre* ilu fuq l-agenda tal-Kunsill izda l-Kunsill ghazel li meta dan jiftah ikun wiehed professjonali u min ikun responsabli mit-tmexxija tieghu jerfa' kull responsabilita.

7.3 Il-materja ser tithalla pendenti ghal-laqgha ohra.

8.0 **Progett Eco-Gozo.**

8.1 Offerti ghal-eco cab u eco truck. Il-Kunsill tratta l-offerta sottomessa minghand CT Park fejn din eccediet il-budget disponibbli. Il-Kunsill qabel li jikteb lil CT Park fejn jitlob jekk il-prezz jistax jigi ridott fil-limiti tal-fondi disponibbli.

8.2 Offerta child care centre. Hawnhekk intefghet offerta wahda biss minghand J Portelli Projects li wkoll eccediet il-budget. Il-Kunsill qabel illi l-Perit ghandu jkun inkarigat janalizza din l-offerta u jaghti l-parir tieghu dwarha.

8.3 Il-materja ser tithalla pendenti ghal laqgha ohra.

9.0 **Aggornament dwar progetti, xogholijiet fit-toroq u xogholijiet ohra.**

9.1 Is-Sindku aggorna lill-Kunsill dwar ix-xogholijiet fil-playing field fi Triq Tumas Cassar.

9.2 Is-Sindku aggorna lill-Kunsill dwar il-progett ta' refurbishment li Gharb Rangers FC ser ikunu qed iwettqu fic-changing rooms fi Triq Tumas Cassar permezz ta' fondi Eco-Gozo. Emanuel Muscat staqsa ta' min huma ic-changing rooms fi Triq Tumas Cassar. Is-Sindku rega' spjega li dawn huma propjeta' tal-Gvern devoluta lill-Kunsill Lokali l-Gharb u li Gharb Rangers m'ghandhom l-ebda titlu fuqha, u li l-Kunsill mhu ser ikollu ebda obbligu lejn Gharb Rangers minhabba dawn ix-

xogholijiet. Gie spjegat illi kien hemm din is-sejha tal-Eco-Gozo miftuha ghall-NGO's u sabiex ma tintilifx possibilita' ta' finanzjament huma applikaw ghall-progett. Is-Sindku spjega x-xoghol li ser isir u li jikkonsisti fi bdil ta' reflectors, aperturi, tank tal-ilma fejn l-ilma tax-xowers ser ikun qed jintuza' ghat-tisqija. Is-Sindku qal illi inizjattiva bhal din huwa ta' min jinkoraggiha u ippropona illi l-Kunsill ukoll ghandu jghin fir-refurbishment bhal fil-provvista ta' bankijiet ghac-changing rooms. Il-Kunsill qabel unanimament.

9.3 Is-Sindku spjega illi l-MFA huma lesti li jaghmlu l-ground bit-turf artificjali. Is-Sindku spjega illi ghalkemm dan ix-xoghol min naha tal-MFA gie ikkonfermat, ghall-Kunsill it-*timing* ta' meta ser isir ix-xoghol huwa importanti hafna. Gie spjegat illi l-MFA qed tikkalkula illi dan ser

isir sa Settembru 2012. Is-Sindku spjega illi jekk dan huwa minnu il-Kunsill ikun irid jaghmel *re-sizing tal-area* tal-progett filwaqt li jzomm fil-massimu l-uzu li kien pprezentat taht mizura 313. Jekk MFA ma jikkonfermawx li ser jehilsu sad-data imsemmija, il-Kunsill jista' jesplora il-possibilita' li tinhareg offerta ghal kumpaniji ineressati li jinvestu.

9.4 Is-Sindku spjega illi l-Kunsill ghandu jara wkoll x'kundizzjonijiet ser ikunu imposti mill-MFA. Il-Kunsill qabel li jitlob il-kuntratt propost lill-MFA qabel ma jaccetta.

9.5 Carmen Vella staqsiet jekk il-parti gdida fi Triq il-Vizitazzjoni tistax tigi rrangata peress li tinsab fi stat hazin hafna. Il-Kunsill iddiskuta il-kaz ta' din il-parti fejn gie spjegat illi l-unika soluzzjoni hija li ssir esproprjazzjoni peress illi l-kaz min naha tal-MEPA u l-qorti huwa maghluq. Il-Kunsill precedentment kien iddecieda li ma jaghmilx it-triq biex ma jippregudikax ruhu. Il-Kunsill qabel illi t-triq ghandha tissewwa temporanjament permezz ta' patching.

9.6 Raymond Cassar qal illi fi Triq il-Madonna tal-Virtu ukoll jinhtieg li jsir xi patching. Il-Kunsill qabel illi Emanuel Saliba ghandu jaghmel xoghol ta' patching permezz ta' materjal ta' xkejjer li ser jinghata mill-WSC.

9.7 Il-Kunsill qabel illi quddiem tal-familja Grech fi Triq Virtut fejn kienet waqghet it-triq ghandha tinghata taqxira u kisja tarmak.

9.8 Is-Sindku spjega illi l-WSC qed jibdlu il-main tad-dranag u tal-ilma fi Sqaq fi Triq Frenc ta' l-Gharb. Is-Sindku spjega illi qed jipprova jilhaq kompromess maghhom biex huma jaghmlu l-bazi u l-Kunsill jaghti l-wicc.

9.9 Is-Sindku aggorna lill-Kunsill dwar il-PPP, fejn gie spjegat illi l-finanzjament mid-DLG gie approvat, u saret l-applikazzjoni ghall-permess tat-trenching. Is-Sindku spjega illi l-Kunsill kif kien qabel precedentement il-Kunsill ser ikun qed jghaddi pre-financing ta' 50% tax-xogholijiet li jkunu ser jinbdew lill-kuntrattur, fejn il-pjan huwa illi l-ewwel jinbdew ix-xogholijiet fuq l-iktar prioritajiet Triq il-Knisja u Triq Trux. Gie spjegat illi permezz tal-pre-financing mid-DLG il-Kunsill ser ikun jista' jaghti il-pre financing lill-kuntrattur. Gie spjegat ukoll illi ser jinzamm persentagg ta' *retention money* li jithallas lill-kuntrattur fit-tielet sena. Is-Sindku spjega illi it-tieni lot ta' toroq jinbdew meta jitlestew ix-xogholijiet fl-ewwel zewg toroq biex ir-rahal ma jkunx kollu maqlugh u proporzjonalment skond il-fondi li jkollu l-Kunsill. Emanuel Muscat staqsa jekk il-Kunsill hux ser ikollu flus bizzejjed biex isiru x-xogholijiet kollha. Is-Sindku spjega illi x-xoghol preparatorju qed isir bi prudenza u kawtela u ghalhekk li qed jigi propost li l-hlas isir fuq 3 snin. Gie spjegat ukoll li qed isiru stimi godda skond ir-rati tal-kuntratt u skond dak li qed jigi progettat li jsir fil-prezent, biex l-istejjem ikunu jirriflettu ix-xogholijiet stmati li ghandhom issiru. Gie spjegat ukoll li l-*projections* huma skond l-istimi li hemm fil-prezent. Jekk ikunu skoperti xogholijiet ulterjuri min dak stmat il-Kunsill ghandu jzomm kontroll u jaghmel xogholijiet biss skond ma jiflah u ma jipprocedix b'nefqa li ma jkunx jiflah ghaliha.

9.10 Is-Sindku spjega illi fir-rigward ta' Triq il-Knisja ix-xogholijiet ghahdom ma jistghux jinbdew ghaliex il-WSC ghadha ma dawwritx l-LA minn fuq il-kuntrattur ta' qabel ghal fuq Gatt Tarmac Ltd.

9.11 Fir-rigward tax-xogholijiet fi Triq il-Knisja u Triq Trux is-Sindku spjega illi l-hsieb huwa illi waqt illi l-mains tal-ilma fi Triq il-Knisja ikunu qed jigu ittestjati ix-xoghol ikun jista' jibda fi Triq Trux. Il-Kunsill iddiskuta l-fatt illi l-kuntrattur Gatt Tarmac huwa impenjat b'xogholijiet ma hafna Kunsilli Lokali. Dan jista' jwassal ghal dewmien fix-xogholijiet.

9.12 Is-Sindku spjega illi l-arkata fi Triq Sdieri ser tinghata t-tarmak min naha tal-Ministeru ghal Ghawdex wara li jitlesta r-restawr taghha.

9.13 Is-Sindku ippropona li ghandu issir Embellishment San Pietru u Pjazza Gerano meta jkun hemm budget allokat ghalihom. Il-Kunsill qabel unanimament.

9.15 Il-Kunsill iddiskuta Memo 63/2011 – skema ta' finanzjament ta' progetti specjali f'lokalitajiet zghar. Il-Kunsill qabel li japplika ghal ghamara fic-centri storici, fostjhom skema ta' zebgha tal-aperturi fil-pjazza u ghamara ohra bhal fanali, bankijiet ecc sabiex issa li il-pjazza ser tkun pavimentata tkun kompluta b'dekorazzjoni kif jixraq. Jekk tikkwalifika ir-restawr ta' gallariji antiki ghandu japplika wkoll.

## 10. Jum l-Gharb 2011.

10.1 Il-Kunsill qabel illi Jum l-Gharb 2011 ghandu jkun iccelebrat fil-gurnata tieghu jigifieri it-Tnejn 29 ta' Awissu, 2011. Gie spjegat illi l-Arcipriet gie innotifikat dwar din l-attivita' fejn gie mitlub sabiex issir quddiesa ta' radd il-hajr bis-sehem tieghu u tal-kleru kollu.

10.2 Giet diskussa il-possibilita' illi jigi inawgurat il-gnien fi Triq Tumas Cassar bhala parti mill-attivitajiet ta' Jum l-Gharb 2011. Il-Kunsill qabel illi l-plakki kommemorattivi li kien hemm ghandhom jergghu isiru. Ghandha ssir ukoll plakka ta' inawgurazzjoni. Il-Kunsill qabel illi Raphael Labro ghandu jkun mistieden ihawwel xi sigra fil-gnien.

10.3 Il-Kunsill iddiskuta in-nominazzjonijiet imressqa mill-ghaqdiet lokali Gharb ghad-diversi rikonoxximenti moghtija f'Jum l-Gharb.

10.4 Premju Gharb 2011 – Il-Kunsill qabel li dan ghandu jinghata lil Fr Alex Cauchi.

10.5 Premju Qlub Generuzi 2011 – Raymond Cassar astjena peress li l-familja tieghu kienet nominata. Il-Kunsill qabel li dan ghandu jinghata lil grupp Legjun ta' Marija irgiel.

10.6 Premju Volontarjat Lokali 2011 – Il-Kunsill qabel li dan ghandu jinghata lil Joseph Cauchi.

10.7 Gharb Gozitan Cultural Award – Lisa Marie Brooke issuggeriet lil kittieb zaghzugh Pierre Meylaq. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.8 Is-Sindku ippropona li ghandu jkun introdott rikonoxximent gdid ghal studenti mill-Gharb li jkunu wettqu xi progett partikolari/ letterarju. Ghal din is-sena is-Sindku ppropona li ghandu jigi nominat Matthew Caruana. Il-Kunsill qabel unanimament. Kien hemm qbil ukoll li bhala tifkira ghandu jinghata ktieb.

## 11. Eden Award.

11.1 Is-Sindku spjega illi huwa flimkien ma persuna ohra huma mistiedna sabiex jattendu ghall-avveniment tal-Eden li ser issir lejn l-ahhar ta' Settembru fi Brussels. Matul din iz-zjara ir-rapprezentanti iridu jattendu laqghat u jtellghu esebizzjoni dwar l-Gharb. Is-Sindku talab espressjoni ta' interess minn min jixtieq jattendi. Lisa Marie Brooke uriet ix-xewqa li tattendi filwaqt li l-ohrajn ma ikkumentax.

11.2 Gie spjegat illi l-Kummissjoni Ewropea ser tkun qed ittella filmat dwar l-Gharb bhala parti mill-Eden Award. Min naha l-ohra l-MTA ser tkun qed toffri €1500 biex jintuzaw ghal pubblicita' li bhalma kien deciz f'laqgha precedenti ser jintuzaw biex isir DVD minn CVC. Peress li ser ikun fadal xi fondi il-Kunsill qabel li dawn ghandhom jintuzaw biex isiru leaflets dwar l-Gharb.

## 12. Korrispondenza u materji ohra.

12.1 Il-Kunsill qabel li ghandha tigi ordnata sigra tal-Milied artificjali li kwotazzjonijiet ghaliha kienu ga ingabru.

12.2 Giet trattata il-korrispondenza segwenti:
Minghand Clifford Vella fir-rigward ta' ktieb gdid dwar l-imtiehen tal-qamh li qed joffrih lill-Kunsill ghall-prezz ta' €12.50. Il-Kunsill qabel li ghandhom jinxtraw xi kopji.

12.3 Minghand Bloom Research fir-rigward ta' applikazzjonijiet ta' freelance interviewers li huma joffru.

12.4 Korrispondenza minghand Edward Camilleri l-ewwel surmast fl-Gharb li ghadda rakkont ta' harga li kienet saret fl-1961 meta fethet l-iskola l-gdida tal-Gharb. Il-Kunsill qabel li dan ir-rakkont ghandu jigi ippublikat fuq l-edizzjoni li jmiss tal-Pjazza.

12.5 Minghand is-Segretarju Parlamentari ghall-Anzjani u Kura fil-Komunita' fir-rigward tal-Premju Anzjan tas-Sena fejn il-Kunsill gie mitlub jissottometti n-nominazzjonijiet tieghu. Il-Kunsill qabel li jinnomina lil Ester Mizzi.

12.6 Giet trattata s-segwenti korrispondenza minghand il-MEPA:-

Cirkulari fir-rigward ta' *withdrawal* tat-talbiet tal-hlas li inhargu mill-MEPA.
*Acknowledgement of receipt of screening request* fir-rigward tal-applikazzjoni tar-restawr tal-Knisja.
Kompetizzjoni tat-Tpingija ghat-tfal bhala parti mic-Celebrazzjonijiet tal-Jum Dinji ghall-Ambjent.
Ripublikazzjoni tal-applikazzjni - PA5609/07 - To construct a multi-facility Sports Campus.
Ripublikazzjoni tal-applikazzjoni – PA6080/08 – Sabiex isiru xi emendi fil-permessi approvati.

12.7 Il-Kunsill iddiskuta dwar il-polza ta' assigurazzjoni li ghandu fil-prezent ma Laferla Insurance. Gie spjegat illi l-Laferla Insurance intalbet tkopri lill-Kunsill dwar xi assi godda fosthom fil-gnien u l-belveder fi Triq Tumas Cassar. Gie spjegat illi Laferla lesta li tinkludi dawn l-assi that l-All Risks cover ghall-prezz ta' €611.57 izda mhux qed taccetta illi tinxurja il-marsh. Gie spjegat ukoll illi Laferla kopriet il-hlas tat-tarag ta' Wied il-Mielah izda issa qed taghmel hafna riservi biex tinxurja it-tarag mill-gdid. In vista ta' dan il-Kunsill qabel li ghandu jikkunsidra li jaqleb l-assigurazzjoni tieghu ma Baron Group, issa minghajr ma jistenna li taghlaq il-polza ezistenti kemm il darba dawn jaccettaw illi jaghtu l-assigurazzjoni mehtiega u kemm 'il darba ikun finanzjarjament vijabbli.

12.8 Korrispondenza minghand il-Kumitat ghall-Ismijiet tat-toroq ghal Ghawdex fir-rigward ta' Triq Tumas Cassar u Trejqa fi Triq Birbuba.

12.9 Mill-NSO fir-rigward ta' Stharrig dwar il-Kompozizzjoni tal-Iskart Municipali.

12.10 Minghand Maltapost fir-rigward ta' set ta' bolol kommemorattivi.

12.11 Mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali:- Public Private Partnership fuq Toroq dwar l-ammont riservat ghall-Gharb li jammonta ghal €222,330.90.

12.12 Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta dwar akkwist ta' art gewwa fl-Gharb.

12.13 Mid-DLG - Re: Memo 9/2011 – Skema ghajnuna lill-Kunsilli Lokali li ghandhom ir-Responsabilita' ta' Librerija Lokali fejn id-Dipartiment ikkommetta li jaghti €466 f'ghanjuna ghal-librerija lokali, li ghandhom jintuzaw €233 f'kotba u l-bqija jistghu jintuzaw ghall-htigijiet ohra fl-istess librerija.

12.14 Invit mill-Kunsill Lokali Zebbug u Parrocca Santa Marija Zebbug ghal In Memoriam b'tifkira tal-Mibki Dun Anton Dimech.

12.15 Minghand itworks fir-rigward tas-servizzi li huma qeghdin joffru.

12.16 Minghand Transport Malta fir-rigward ta' AL 173/2011 dwar permessi ghal xogholijiet fit-toroq.

12.17 Lease agreement bejn il-Kummissarju tal-Artijiet u l-Kunsill Lokali Gharb dwar il-propjeta' fi Triq Tumas Cassar dwar il-kirja tal-Propjeta' fi Triq Tumas Cassar ghal perjodu ta' 15 il sena.

12.18 Minghand Lions Club Malta (Host) fejn il-Kunsill gie mistieden jinghaqad ma' din l-ghaqda filantropika.

12.19 Minghand Marianna Grunder ilment fir-rigward ta' klieb jinbhu lejl u nhar u li qeghdin ikunu ta' inkonvenjent.

12.20 Minghand Agenzija Zghazagh fir-rigward ta' tnedija tat-tielet edizzjoni tal-progett Kunsilli Lokali Zghazagh.

12.21 Gie trattata proposta ta' bank tal-fuhhar u mosaic minghand Gozo Pottery Barn ghall prezz ta' €3000.00

12.22 Emanuel Muscat staqsa dwar rigali ghall-kompetizzjoni tal-karrijiet fil-Karnival 2011. Is-Sindku spjega illi kif kien maqbul din is-sena gie ipprezentat trofew biss ghaliex hekk kien mahsub skond il-budget ta' l-attivita' approvat mill-Kunsill. Emanuel Muscat qal illi ma jiftakarx li din l-issue giet diskussa fil-laqgha, u staqsa x'ser jigri fil-karnival 2012. Is-Sindku qal li hu ma isib l-ebda problema u spjega illi wiehed irid jara x'budget ser ikun hemm ghas-sena d-diehla u qal ukoll li din trid tkun trattata fil-laqgha meta jkun diskuss il-budget tal-Karnival.

12.23 Il-Kunsill iddiskuta dwar l-iskema ghall-attivitajiet kulturali 2012 fejn il-Kunsill qabel li ghandha ssir applikazzjoni ghal Seher il-Punent ghal long weeking qabel id-19 ta' Marzu, 2012.

12.24 Giet trattata korrispondenza minn Carmelo Galea & Associates dwar talba ghad-drittijiet in konnessjoni mal-*issue* tal-applikazzjoni ghall-mushroom cultivaltion unit ghas-somma ta' €150.00. Il-Kunsill approva dan il-hlas.

Il-laqgha spiccat hin 8.45pm.

Konfermati minn

David Apap
Sindku

Joanne Attard
Segretarju Ezekuttiv